# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Talba Nru: 313/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 13**

**GO p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Dr. Jason Grima nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta' l-interessi ta' Selecti International Ltd (C67529) b'digriet tas-27 ta' Jannar 2022**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2020, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' erba' t'elef, ħames mija u wieħed u tmenin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€4,581.23ċ) rappreżentanti servizzi mogħtija kif aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 1432/16 u l-imgħaxijiet;[1]

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba;

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tas-27 ta' Jannar 2022[2];

Ra r-risposta tal-kuratur deputat[3] tramite liema laqa' għal din l-azzjoni billi eċċepixxa li l-ammont mitlub kien preskritt a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[4] u b'eċċezzjoni fejn ingħad li m'huwiex edott bil-fatti u għalhekk irriżerva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri[5];

Sema' x-xhieda ta' Maryanne Camilleri[6];

Ra n-nota tal-kuratur deputat[7];

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet[8];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni – Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

---

[2] A fol 52 tal-proċess.
[3] Ippreżentata fil-14 ta' Frar 2022.
[4] U dana wara korrezzjoni awtorizzat fis-seduta tal-21 ta' April 2022
[5] A fol 60 tal-proċess.
[6] A fol 65 tal-proċess.
[7] Ippreżentata fl-4 ta' Ottubru 2022.
[8] Magħmula fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2022, liema trattazzjoni ġiet debitament traskritta kif ordnat u tibda a 171 tal-proċess.

Illi kif intqal fir-riassunt hawn fuq magħmul, is-soċjetá konvenuta (kif hawn rappreżentata) laqgħet għall-azzjoni b'eċċezzjoni ta' preskrizzjoni (kkoreġuta kif diġa ntwera).

Illi l-eċċezzjoni hekk kif ikkoreġuta tikkwerela l-azzjoni tas-soċjetá attriċi billi tgħid li din infetħet wara t-trappas ta' ħames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi qabel xejn, dan it-Tribunal jgħid li għalkemm huwa prinċipalment munit li jutilizza il-kejl ekwitattiv sabiex jasal għal xi deċiżjoni tiegħu, huwa l-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta stess li jistipula li f'każ ta' eżami ta' eċċezzjoni simili, u ċioé dik tal-preskrizzjoni, dik il-fakultà ekwitattiva tispiċċa u allura, it-Tribunal jrid jiddeċiedi l-istess skond il-liġi[9].

Illi issa b'mod ġenerali, huwa magħruf li l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva[10]. Ukoll, il-preskrizzjoni hija imħollija f'idejn min jeċċepixxi l-istess, b'tali li mod li awtorità ġudikanti ma tistax tissostitwixxi l-għamla tal-preskrizzjoni eċċepita *sua sponte*. Dan wara kollox ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal dak li jinsab diġa kodifikat[11]. Huwa magħruf li meta tinqala' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni, iż-żmien jibda għaddej minn dakinhar li jkun beda dak id-dritt jew meta setgħet tiġi mibdija azzjoni[12] fuq l-istess dritt[13].

---

[9] L-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kkundizzjunat bis-segwenti: *"Iżda, f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi."*

[10] Dwar dan, fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak li ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Arkitett Ian Żammit vs V. Attard (Works) Limited**, (Rik Nru: 562/11/1 SM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2021.

[11] Artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[12] Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[13] L-awtur Gabriel Baudry-Lacantinerie fl-opra **Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile,** fil-volum intitolat **Della Prescrizione** jgħid hekk: "*Quando comincia a decorrere la prescrizione? A questo proposito occorre distinguere tra la prescrizione acquisitiva e la*

Illi huwa ċar għal dan it-Tribunal li l-artikolu utilizzat huwa l-wieħed tajjeb u għalhekk anke dan l-aspett huwa korrett.

Illi madanakollu, u dan kien il-pern tat-trattazzjoni tal-għeluq[14], huwa ċar li f'dan il-każ hemm intopp proċedurali. Permezz tal-Att I tas-sena 2017 (u verament ftit wara, permezz tal-Att VII tal-istess sena) saru bidliet importanti, anzi radikali, fl-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tant li wieħed jista jgħid li l-istitut tal-ġurament deċiżorju inqaleb taħt fuq[15]. Issa, fil-każ tal-lum, s-soċjetá konvenuta hija hawn rappreżentata minn kuratur, li ma setax hu stess jieħu ġurament kif mitlub mill-liġi.

---

*prescrizione estintiva. La prima ha per principio, come punto di partenza, il giorno in cui il possesso é cominciato; poiché e fondata sul possesso che ha per iscopo di consolidare. Quanto alla prescrizione estintiva il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui é nato il diritto o l'azione che é destinata ad estinguere."* – Capitolu XII, para 364 fol 279.

[14] Riferibilment għall-artikolu 2160 kif jinsab kodifikat illum saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Dr. Joseph Ellis *noe,*** (App Ċiv Nru: 522/2018/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Settembru 2020. B'żieda ġurisprudenzjali, dan it-Tribunal jieħu okkażjoni mbagħad jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Dr. Patrick Valentino *noe et,*** (Rik Ġur Nru 854/2015) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Jannar 2018 (appell attwalment pendenti) u dik fl-ismijiet **Amparo Laroco Lopez vs Mary Martin,** (Rik Ġur Nru: 494/2013) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru 2019 (appell attwalment pendenti) li wkoll waslu għall-istess konklużjoni.

[15] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Limited *pro et noe* vs Topcar Limited**, (Rik Nru: 93/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Jannar 2018 (mhux appellata) li fiha ingħad hekk: *"Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament [...] tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deciżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jaghżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deciżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah."* Wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut fl-ismijiet **GO p.l.c. vs Miguel *sive* Michael DeGiorgio,** (Tlb Nru: 381/2018 KCX), mogħtija nhar l-4 ta' Frar 2020.

Illi għalkemm din il-bidla leġislattiva hija kemmxejn riċenti, il-Qrati tagħna kellhom diġa okkażżjoni jeżaminaw dan il-kweżit u sabu li kuratur ma jistax jagħti effett u ħajja lill-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[16]. It-Tribunal ma ngħatalu l-ebda raġuni gravi l-għala għandu jiddipartixxi minn dan l-insenjament ta' Qrati ferm aktar ogħla minnu[17].

Illi tajjeb jingħad li għalkemm is-sistema ġudizzjarja tagħna ma tħaddanx il-prinċipju Anglo-Sassonu tal-*law of precedent* u dak parallell ta' *stare decisis*, dan ma jfissirx li mbgħad m'għandux jingħata effett għall-massima *auctoritas rerum (perpetuo) similiter iudicatarum*[18].

---

[16] F'dan is-sens b'żieda mas-sentenza msemmija mid-difensur tas-soċjetá attriċi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq u ċioé dik fl-ismijiet **Bank of Valletta vs Dr. Joseph Ellis *noe*,** (App Ċiv Nru: 522/2018/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Settembru 2020 (li kienet tikkonċerna appell minn dan it-Tribunal diversament presjedut), issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Amparo Laroco Lopez vs Mary Martin,** (Rik Ġur Nru: 494/2013) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru 2019 (attwalment pendenti appell).

[17] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Vladimir Formosa vs Direttur tas-Sigurtá Soċjali,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-4 ta' Mejju 1992 fejn awtorevolment intqal hekk: *"Issa fis-sistema ġudizzjarja nostrana hu paċifiku li ma jeżistix dak li fis-sisema ta' "common law" hu magħruf bħala "the law of precedent" kif lanqas jeżisti l-kunċett parallel ta' "stare decisis". Però, kif ġie stabbilit minn din il-Qorti fi Strickland vs Hunter (Vol. XXX-1-446) li hu l-'leading case' f'din il-materja, dan ma jfissirx li fi Qrati ta' Prim' Istanza teżisti anarkija assoluta f'dik li hi interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi fis-sens li kull Qorti tista' hekk* sice et simpliciter, *tapplika l-liġi kif jidhrilha meta diġa jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' din il-Qorti. Huwa paċifiku li l-Qrati Superjuri ta' Pim' Istanza għalkemm teoretikament mhux marbuta ma' dak li jiġi deċiż għal dak li hija liġi minn din il-Qorti, għandhom iħarsu lejn dak li jkun ġie deċiż minnha bl-ikbar rispett u rigward u għandhom jiddipartixxu mill-posizzjoni li tkun ħadet din il-Qorti f'każijiet rari fejn ikollhom motivazzjonijiet serji u ġodda li għandhom jiġu indikati fis-sentenzi li jagħtu."* Preċedentement, il-Qorti tal-Appelli Kriminali kienet ukoll ssenjalat (propju b'rimarka għal daeċiż fil-kawża Strickland vs Hunter) hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Vigo,** tad-19 ta' Mejju 1956: *"Hi ċara l-ispedjenza tal-osservanza ta' dan il-prinċipju, għax diversament din il-kwistjoni tista' terġa tiġi sollevata f'kull kawża, u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun serjament intralċjata;"*

[18][18] "*Awtorità dei preċedenti giudicati (da sempre) allo stesso modo*" – Brocard 586, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 68. Bħala senjalatika ġurisprudenzjali dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ignatius Debono *et* vs Direttur tal-Artijiet,** (App Ċiv Nru: 41/2007/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Novembru 2020 fejn intqal hekk: *"In kwantu ghall-principju ta' stare decisis citat mir-rikorrenti appellanti, huwa ritenut opportun li jigi puntwalizzat, illi ghalkemm il-qrati taghna jfittxu l-konsistenza u uniformita` fil-principji*

Illi għalhekk it-Tribunal, għalkemm jifhem il-posizzjoni tal-kuratur, isib li għandu huwa wkoll jiċħad din l-eċċezzjoni.

**Mertu**

Illi mill-bqija, t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[19] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá konvenuta, jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' erba' t'elef, ħames mija u wieħed u tmenin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€4,581.23ċ) bl-imgħax legali mill-20 ta' Diċembru 2015[20] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1432/2016[21] jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

*enuncjati minnhom, mhumiex marbuta bil-principju ta' stare decisis. L-ordinament ġuridiku taghna ma japplikax il-principju ta' stare decisis (binding precedent), kwindi l-Qrati taghna mhumiex marbuta ma' dak deciz fis-sentenzi hawn qabel citati u huma liberi li jiddipartixxu mir-ragunament imfassla f'dawk id-decizjonijiet, jekk huma tal-fehma illi l-istess ma hijiex legalment b'sahhitha. Dan ma jfissirx illi l-principju auctoritas rerum similiter iudicatarum ghandu jigi mwarrab lanqas."*

[19] Dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba.

[20] Kif mitlub fl-Avviż tat-Talba u dan stante l-entitá u n-natura kummerċjali tal-kontrattazzjoni.

[21] L-ittra hija debitament eżebita u tinsab a fol 8 tal-proċess.